# ĦELSIEN FIS-SLIEM

IT-TMIEN SENA MARZU 1979 NRU. 91



"Kemm konna nkunu aħjar taħt il-bandiera tagħna stess, bla ma jistgħu jindaħlulna l-barranin!"

*Manwel Dimech*
*fil-"Bandiera tal-Maltin"*
*17 ta' Jannar, 1903*

Ħarġa Speċjali ta'
il-Gżejjer

# Il-Mixja lejn il-Ħelsien

1802 Malta minn jeddha talbet il-protezzjoni tal-Kuruna Ingliża bil-kondizzjoni illi d-drittijiet u l-privileġġi tagħha jibqgħu jinżammu u rrispettati

1811 Gvern tal-Crown Colony bil-poteri esekuttivi u leġislattivi kollha f'idejn il-Gvernatur Ingliż.

1814 Bit-Trattat ta' Pariġi Malta ġiet formalment imqiegħda taħt is-Sovranità Ingliża. L-Awtokrazija tal-Gvernatur baqgħet assoluta sal-1835.

1835 Wara l-protesti tal-Maltin u t-taħbit tal-patrijott Malti Giorgio Mitrovich ġie mwaqqaf Kunsill tal-Gvern b'element minimu mhux uffiċċjali; imma dan kien fuq bażi nominattiva u mhux elettiva u l-Gvernatur kellu s-setgħa li jmur kontra dak kollu li jaqta' dan il-Kunsill.

1849 Il-prinċipju elettiv deher għall-ewwel darba permezz tal-Kostituzzjoni tal-1849 li waqqfet Kunsill tal-Gvern ġdid, b'minoranza ta' membri eletti; imma l-membri popolari baqgħu maħnuqin mill-maġġoranza uffiċjali.

1887 Il-Kostituzzjoni tal-1887 kienet esperiment ta' '**dual** control'. Fil-Kunsill il-ġdid, b'14 minn 20 siġġu allokati għall-membri eletti il-Gvern ma kellux aktar setgħa li jgħaddi l-liġijiet li ried hu biss. Mill-banda l-oħra, l-interessi Imperjali kienu salvagwardati mill-poter ta' 'veto' li kellu l-Gvernatur. Din il-kostituzzjoni ma ħadmitx għax ta' spiss kien ikun hemm konflitt.

1903 Il-Kostituzzjoni tal-1887 ġiet imneħħija u minflokha daħlet Kostituzzjoni li reġġgħet il-pajjiż lura għall-pożizzjoni ta' l-1849 u l-prinċipju tal-maġġoranza uffiċjali. Ir-rappreżentanti tal-poplu ma ridux joqogħdu għal din il-Kostituzzjoni, bdew joħorġu għall-elezzjoni, jitilgħu mhux opposti, jagħmlu protesti qawwija, u dak il-ħin jirriżenjaw.

1921 Il-Kostituzzjoni 'Amery-Milner', tat miżura ta' 'self government' intern. Din il-Kostituzzjoni ipprovdiet għal Assemblea Leġislativa eletta u Senat. Id-Difiża u l-Affarijiet Barranin kienu riservati għall-Gvern Ingliż.

1933 Il-Kostituzzjoni tal-1921 ġiet irtirata u Malta irritornat għal Gvern tal-Crown Colony.

1939 Skond il-Kostituzzjoni Macdonald twaqqaf Kunsill tal-Gvern u Kunsill Esekuttiv.

1947 Ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Assemblea Nazzjonali popolari ġabu magħhom il-Kostituzzjoni tal-1947 (Il-Kostituzzjoni MacMichael) illi rat miżura ta' 'Self-Government' fuq il-prinċipju ta' 'dijarkija' li permezz tagħha diversi materji, speċjalment id-Difiża, l-Affarijiet Barranin, il-Muniti, l-Avjazzjoni Ċivili, u l-Immigrazzjoni kienu riservati għall-Gvern Ingliż.

1948 Saret Emenda ta' Letters Patent illi biddlet it-titlu ta' Kap tal-Ministeru Malti għal dak ta' Prim Ministru.

1953 Saret it-talba tal-Gvern ta' Koalizzjoni ta' Dott. Borg Olivier għat-trasferiment ta' l-Affarijiet ta' Malta mill-Colonial Office għall-Commonwealth Relations Office. Rifjut mill-Colonial Office, u kontro-offerta biex l-affarijiet ta' Malta jiġu trasferiti għall-Home Office.

1955 Is-Sur Mintoff, Leader tal-Malta Labour Party, ġie elett fuq il-proposta ta' l-Integration ta' rappreżentanza Maltija fil-House of Commons u ekwivalenza mal-livelli ekonomiċi Ingliżi.

Wara r-'Round Table Conference' f'Londra dwar l-iżvilupp kostituzzjonali ta' Malta, il-Gvern Ingliż aċċetta r-rapport tal-Konferenza illi laqgħet it-talba tal-Gvern Malti biex membri Maltin joqgħodu fil-House of Commons.

1957 Ir-relazzjonijiet bejn il-Malta Labour Party u l-Gvern Ingliż marru għall-agħar immedjatament wara l-pubblikazzjoni tal-'U.K. Defence White Paper' li għamlitha ċara li l-impiegi tal-Maltin fl-istabbilimenti tas-Servizzi f'Malta u d-Dockyard kienu se jiġu mnaqqsa ħafna.

Il-Gvern Ingliż ma riedx jidħol responsabbli biex joħloq impiegi għal dawk li kienu ser jitilfu x-xogħol. Barra minn hekk il-Gvern Ingliż naqqas il-kontribuzzjoni ta' £6 miljuni li kien wiegħed għal £5 miljun. Kien jidher ċar li l-Gvern Ingliż kien lest li jagħti l-istess drittijiet kostituzzjonali lill-Maltin bħal ma għandhom l-Ingliżi imma mhux l-istess drittijiet ekonomiċi. Għalhekk il-Gvern Malti ddeċieda li jwarrab l-integration.

1958 Il-Gvern Laburista keċċa l-Kummissarju tal-Pulizija għax ma riedx jobdi l-ordnijiet tiegħu. Il-Gvernatur ma aċċettax din it-tkeċċija u ried jieħu l-Pulizija f'idejh. Il-Gvern Laburista irriżenja bħala protesta. L-Oppożizzjoni rrifjutat li tifforma gvern.

Fit-28 ta' April sar strike ġenerali kif ukoll saru dimostrazzjonijiet kontra l-Gvern Ingliż. Il-Gvern Ingliż ħa t-treġija diretta ta' Malta f'idejh u ssospenda l-Kostituzzjoni u xolja l-Parlament.

1959 Kostituzzjoni ġdida waqqfet Kunsill Esekuttiv taħt l-awtorità tal-Gvernatur, Kunsill li fosthom kien hemm ħames Maltin magħżulin mill-Gvernatur. Il-pożizzjoni ta' Malta reġgħet lura għal dik ta' bejn l-1936 u l-1939 u niżżlet lil pajjiżna fil-livell kostituzzjonali tal-gżira ta' St Helena.

1961 Wara l-preżentazzjoni tar-rapport tal-Kummissjoni li l-Gvern Ingliż kien ħatar biex jisħarreġ il-fehma pubblika Maltija ġiet maħruġa l-Kostituzzjoni ta' l-1961. Bħal dik ta' l-1947 din waqqfet gvern ministerjali, responsabbli lejn leġislatura ta' Kamra waħda eletta għal kollox mill-poplu. B'dan kollu Malta baqgħet Kolonja bħal qabel. Il-Gvernatur żamm il-pulizija f'idejh.

1962 Saru Elezzjonijiet Ġenerali fi żmien ta' ġlieda politika reliġjuża bejn il-Malta Labour Party u l-Knisja. Fil-ġimgħa ta' l-elezzjoni ġie dikjarat dnub mejjet li tivvota għall-Partit Laburista. Il-Partit Nazzjonalista ġie elett fil-Gvern u fl-20 ta' Awissu, il-Prim Ministru għamel talba formali għall-Indipendenza.

1963 Saret konferenza kostituzzjonali f'Londra. Fl-1 ta' Awissu, il-Gvern tal-Maestà Tagħha fir-Renju Unit ħabbar li Malta kellha ssir indipendenti mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, 1964. Wara aktar taħditiet f'Londra u Malta ġiet ippreżentata Kostituzzjoni lill-Assemblea Leġislattiva u wara li ġiet approvata b'maġġoranza sempliċi, sar referendum fit-2, 3, u fl-4 ta' Mejju, 1964. L-Isqfijiet kienu reġgħu għamluha dnub mejjet li tivvota għall-proposti mressqa mis-Sur Mintoff. 54.5% tal-voti (40.3% ta' l-elettorat) kienu favur l-Indipendenza kif riedha Dott. Borg Olivier. Wara dan ir-riżultat, is-Segretarju ta' l-Istat għar-Relazzjonijiet tal-Commonwealth ħabbar, fil-House of Commons fil-21 ta' Lulju, 1964 li l-kwistjoni ta' l-Indipendenza ta' Malta u l-Kostituzzjoni kienet ġiet miftiehma.

1964 Malta saret indipendenti fil-21 ta' Settembru, 1964. Skond Trattat ta' Difiża iffirmat dak in-nhar, il-Forzi Ingliżi kellhom id-dritt li jibqgħu Malta għaxar snin. Skond Trattat Finanzjarju l-Ingilterra intrabtet li tagħti 'l Malta, matul l-istess żmien, għajnuna kapitali f'forma ta' għotjiet u self għal diversifikazzjoni ta' l-ekonomija u għajnuna għall-emigrazzjoni li tlaħħaq £50m li kwart minnhom kienu self b'imgħax.

1966 Elezzjonijiet Ġenerali f'Marzu. Il-kwistjoni politiko-reliġjuża kienet għadha sejra u kien għadu dnub mejjet li tivvota Labour. Il-Partit Nazzjonalista rebaħ 28 siġġu fil-Kamra tar-Rappreżentanti filwaqt li l-Malta Labour Party rebaħ 22 siġġu.

1971 Sa dan it-tant saret il-paċi bejn il-Knisja u l-Malta Labour Party. Il-Knisja intrabtet li ma timponix id-dnub il-mejjet bħala ċensura fl-elezzjonijiet.

Elezzjonijiet Ġenerali. Il-Malta Labour Party rebaħ l-elezzjoni bi programm elettorali bbażat fuq politika barranija ta' 'non alignment' u li l-pożizzjoni tal-Forzi Ingliżi f'Malta għandha tkun iddettata minn ftehim ġdid li jkun jissalvagwardja s-sovranità ta' Malta u jiżgura kumpens aktar realistiku għall-użu tal-faċilitajiet tad-Difiża ta' Malta. Wara ħafna diskussjonijiet mal-Gvern Ingliż u l-pajjiżi tan-NATO intlaħaq ftehim li Malta tieħu £14-il miljun bħala kera annwali mingħand il-pajjiżi tan-NATO u somma ta' madwar £7 miljuni parti minnha għotja u



*Il-Prim Ministru Dom Mintoff jidher ma' Lord Carrington waqt l-iffirmar tal-ftehim.*

parti oħra bħala soft loan. Malta tieħu wkoll £2.5m bħala għajnuna ekonomika mill-Italja u l-Amerika aċċettat li tibgħat Malta team ta' esperti biex jistħarrġu pjani ta' żvilupp, il-prospetti u l-problemi tal-gżira. Il-ftehim sar għal seba' snin li fit-tmiem tagħhom Malta ma tibqax iżjed bażi militari.

Sir Anthony Mamo sar l-ewwel Gvernatur Ġenerali Malti.

1974 Malta saret Repubblika fit-13 ta' Diċembru u saru ħafna emendi fil-Kostituzzjoni ta' Malta li jagħmluha aktar liberali u verament demokratika, b'elezzjonijiet ħielsa minn kull pressjoni temporali jew spiritwali. Il-kostituzzjoni kif emendata għaddiet mill-Parlament b'49 vot favur, u b'6 kontra.

Sir Anthony Mamo laħaq l-ewwel President tar-Repubblika.



*Fin-nofs jidher l-ewwel President tar-Repubblika Sir Anthony Mamo.*

**1979 31 ta' Marzu. Ġurnata memorabbli. It-trattat ta' difiża ma' l-Ingilterra wasal fit-tmiem tiegħu. Malta issa spiċċat għal kollox minn bażi militari, u l-aħħar suldat barrani telaq minn artna. Malta issa nbidlet kompletament minn ċentru ta' gwerra għal ċentru ta' paċi u koperazzjoni.**

***". . . L-ewwel li nagħtu lil Malta kemm jista' jkun indipendenza ekonomika u politika daqs kemm hu possibbli f'dinja fejn pajjiż jiddependi minn ieħor. Fl-istess ħin ridna nassiguraw li meta tispiċċa l-bażi Ingliża din tkun l-aħħar waħda ta' serje twila storika, u mhux sempliċiment twarrab biex tagħmel post għal qawwa militari barranija oħra."***

DOM MINTOFF
*Il-Greċja — 7-8-1976*

# Malta Fortizza tal-Barrani

Sal-1971 Malta kienet għadha b'ruħha u ġisimha fortizza tal-barrani. Dan il-barrani kellu kull naħa tal-gżejjer Maltin għad-dispożizzjoni tiegħu. Barra hekk, dan żamm dejjem f'idejh dawk is-servizzi l-aktar meħtieġa biex pajjiż jifrex l-identità nazzjonali tiegħu u jsaħħaħ l-ekonomija.

**Il-Gvern Soċjalista Malti, skond il-mandat li ngħata mill-poplu beda jaħdem mill-ewwel biex Malta tirbaħ tabilħaqq il-ħelsien sħiħ tagħha.**

L-istorja ta' pajjiżna hija sensiela waħda ta' gwerer u tbatija li l-poplu Malti kellu jgħaddi minnhom minħabba l-qagħda strateġika ta' artu. Il-Qawwiet il-kbar fittxew l-interessi tagħhom b'mod li gżiritna serviet biss bħala xrara minn dik ix-xabla qattiela saħansitra kontra l-istess ġirien tagħna.

**Il-lum il-poplu Malti jifhem li s-sehem tiegħu fil-Mediterran u l-bqija tad-dinja għandu jkollu l-għan ta' paċi. L-esperjenza kerha talimgħoddi ma tistax tintesa jew tiddgħajjef. Anzi din għandha titwassal lil popli oħra li għad ma kellhomx ix-xorti li jiddeċiedu huma dwar id-destin tagħhom stess.**

Jekk ma kisbet xejn miż-żmien tagħha bħala fortizza tal-barrani, talanqas Malta tista' tħossha f'qagħda li tifhem id-differenza bejn li ssefter għall-barrani u li tkun kmand tagħha nnifisha fil-hena u l-għawġ.

**Huwa b'din ir-rieda qawwija li l-poplu Malti jiffaċċja l-isbaħ paġna tal-istorja tiegħu. Għax minnha jitgħallem u jgħallem x'inhu verament il-ħelsien sħiħ ta' poplu ħerqan li jgħix fil-paċi u l-progress.**

*Il-Monument li jfakkarna fiż-żewġ Gwerer* 1914-18. 1939-45.






*Il-George Cross u Dikjarazzjoni mill-Amerika kienu r-"rigali" għas-sehem li tat Malta fil-gwerra li għaddiet.*



# Il-Ġlieda għall-Ħelsien

**Il-kisba tal-ħelsien sħiħ ta' pajjiżna hija r-riżultat ta' għexieren ta' snin mimlija ġrajjiet imqanqla, bil-moviment tal-ħaddiema jmexxi l-ġlieda tul dan iż-żmien kollu.**

Aktar minn għoxrin sena ilu Malta waqfet għat-theddida Ingliża bil-'break-with-Britain resolution', pass l-aktar qalbieni wara l-vojt kbir li kien ħalla l-ewwel mexxej tal-ħaddiema f'Malta Manwel Dimech (li kien safa' vittma tal-barrani), u, aktar tard bid-dmija tas-'Sette Gugno'.

**Il-ġlieda tal-poplu Malti għall-ħelsien sħiħ tiegħu ssuktat sena wara bl-irvellijiet tat-28 ta' April, 1958, meta l-għajta għall-ħelsien kibret aktar ma' s-suldati barranin u l-qaddejja tagħhom żiedu fi ħruxithom.**

Il-moviment tal-ħaddiema kompla jissaħħaħ u jfittex triqat ġodda sabiex jagħti l-ħelsien sħiħ lill-poplu Malti, saħansitra fi żminijiet meta nżergħet iż-żerriegħa tal-firda biex il-barrani jissokta jgawdi poter assolut fuq il-Maltin.

Meta fl-1971 il-Ħaddiema Maltin reġgħu ħadu t-tmexxija f'idejhom, huma ħalfu li ħadd ma kien se jżommhom milli jilħqu l-għan li ħadmu għalih b'daqshekk sagrifiċċji u tixrid tad-demm.

L-ewwel indikazzjoni ta' din id-determinazzjoni kienu t-tneħħija ta' Gvernatur-Ġenerali Ingliż u l-egħluq tal-kwartieri tan-NATO minn fejn il-barrani kien jispija fuq ġnus ħbieb u ġirien.



*l-irvellijiet tat-28 ta' April, 1958.*




*Bid-dmija tas-"Sette Giugno".*

**F'Marzu tal-1972 Malta u l-Ingilterra ffirmaw ftehim storiku li bih it-tnejn qablu li l-gżejjer tagħna ma kellhomx jibqgħu iservu ta' bażi militari. Kien ftehim li ntlaħaq wara li l-forzi kollha qerrieda stinkaw biex jegħilbu l-konvinzjoni tal-poplu Malti.**

Mhux talli ma rnexxilhomx, iżda l-poplu Malti, fil-maġġoranza tiegħu, baqa' magħqud, u, fl-1976 reġa' tenna l-ħerqa tiegħu li jikseb il-ħelsien ta' pajjiżu billi ta mandat ġdid u akbar lill-moviment tal-ħaddiema fil-Gvern.

Il-31 ta' Marzu 1979 ifisser ir-rebħa ta' Malta Ħielsa, seba' snin wara li wriet lid-dinja li riedet tikseb l-identità tagħha u li kienet tilfet sekli sħaħ ta' snin ilu.

Il-ħaddiem Malti jħares lejn din id-data bħala l-għarfien tar-rieda tiegħu biex igħix fis-sliem u l-progress, ħieles tabilħaqq mill-indħil tal-barrani.

**Malta Fortizza għalhekk tieħu posta biss fil-kotba tal-istorja.**

# Wiċċ ġdid lil Malta

**Biex Malta setgħet tħejji ruħha għall-bidla drastika minn fortizza tal-barrani għal ċentru ta' paċi kien meħtieġ li tul is-snin li għaddew tingħata wiċċ ġdid permezz ta' triqat, faċilitajiet u servizzi ġodda jew aġġornati. B'hekk ir-rittmu mgħaġġel fl-industrija u t-tisħiħ kontinwu tal-ekonomija jkunu jistgħu jkomplu għall-ġid ta' Malta ħielsa.**

Pajjiż li jkun għaddej minn fażi ta' industrijalizzazzjoni bħal Malta jrid jipprovdi l-mezzi neċessarji kollha biex il-prodott tal-fabbrika jasal fl-ajruport jew il-portijiet fl-inqas ħin possibbli. Hemmhekk irid isib ukoll il-faċilitajiet kollha meħtieġa.

F'dawk li huma triqat, Malta rat proġett kbir wara l-ieħor, fosthom Triq Diċembru 13 fil-Marsa, Triq Giuseppe Garibaldi li mill-qasam industrijali tal-Marsa twassal direttament għall-mitjar ta' Ħal-Luqa, it-triq mal-baħar li tagħti għaċ-Ċentru tal-Mediterran Għall-Konferenzi, it-triqat ġodda f'Bormla, l-Birgu u l-Isla u bosta triqat oħra ma' Malta u Għawdex kollha.

Biex tinġarr il-merkanzija ta' prodotti li tesporta Malta, l-Gvern Soċjalista waqqaf l-Air Malta u s-Sea Malta, żewġ kumpaniji Nazzjonali li qed iħaddmu mijiet ta' ħaddiema Maltin fil-waqt li jgħinu l-ekonomija tal-pajjiż.

Minbarra t-titjib kbir li sar fil-faċilitajiet tal-port (ir-Roll-on-Roll-off u mollijiet aktar xierqa għall-volum ta' xogħol li qed isir) u l-mitjar( runway ġdida li tiflaħ kull tip ta' ajruplan modern u terminal ġdid li kapaċi jilqa' mijiet ta' passiġġieri f'daqqa), Malta llum għandha wkoll il-mezzi kollha tat-telekommunikazzjoni. L-industrijalist isibha faċli biex jagħmel il-kuntatti mal-bqija tad-dinja permezz ta' servizzi tat-telex, telegrammi, foto-telegrammi, telefon u radjutelegrammi.

**Malta industrijali ma tistax tgħaddi mingħajr din il-bidla progressiva, bidla meħtieġa biex pajjiżna jkun jista' jgħaddi għaż-żmien ta' ħidma fis-sliem li għalih il-poplu Malti ilu jistinka tul l-istorja tiegħu kollha.**



*Linja ta' l-ajru nazzjonali u ajruport ġdid.*

*Sea Malta.*



*Toroq u djar.*





*Il-President ta' l-Alġerija Houari Boumedienne.*

"Fost l-istati Ewropej kollha, Malta hi l-istat li l-aktar ghamel hiltu, b'riskju kbir u sagrifiċċju ghall-poplu taghha, biex taghti sehem siewi u shih ghall-paċi fil-bahar Mediterran."

DOM MINTOFF – C.S.C.E
Helsinki 6.7.73



*Il-Prim Ministru tal-Marokk, Ahmed Osman.*



*L-Arċisqof Makarios ta' Ċipru.*



*Il-Konferenza tal-Mediterran fil-Belt Valletta. Il-Ministru W. Abela jagħmel il-diskors tal-ftuħ.*



*Signor Aldo Moro, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Italja.*



*Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tat-Tuneżija Habib Chatty.*



*Il-President Gaddafi tal-Ġemahirija tal-Libja.*



*Il-Prim Ministru Spanjol Adolfo Suarez.*

# L-Industrija Maltija

**L-Industrija hija l-pilastru ewlieni tal-ekonomija. F'dan il-qasam sar avvanz kbir f'dawn l-aħħar snin. Il-maġġoranza tal-fabbriki huma miġbura fl-oqsma industrijali tal-MARSA, BULEBEL, SAN ĠWANN, IMRIEĦEL, XEWKIJA, TA' QALI u issa qed jinbnew oħrajn f'RIKAŻLI u ĦAL FAR.**

Il-manifattura f'Malta issa laħqet il-figura ta' £M188.3 miljun, il-parti kbira minnhom għall-esportazzjoni.

Imqabbla mal-1971 meta Malta esportat £M14.2 miljun, is-sena l-oħra esportajna b'kemm jiswew £M108 miljun lira. L-industrija tal-manifattura qed timpjega kważi 33,000 ħaddiema imqabbla ma ftit iżjed minn 20 elf fl-1971.

L-investimenti minn ditti barranin juru l-fiduċja li teżisti fl-ekonomija ta' Malta, fl-istabbilità industrijali u fl-effiċjenza tal-ħaddiem Malti, speċjalment fil-fatt li dan kapaċi jitgħallem malajr u jaħdem bi preċiżżjoni li jistennew minnu investituri li ssugraw il-miljuni ta' liri.

**Il-Gvern ukoll wera fiduċja kbira fl-industrija Maltija u nvesta miljuni ta' liri f'intrapriżi parastatali li qed jagħtu is-sehem siewi tagħhom fl-ekonomija ta' Malta.**



*L-estate industrijali ta' Bulebel.*



*Shirasuna Ltd*



*Quality Shoes*



*Janstorp*

**TITJIB FIL-QASAM BANKARJU**

**Biex Malta tkun tista' tħares lejn il-ġejjieni tagħha bil-fiduċja meħtieġa bħala ċentru ta' paċi fil-Mediterran trid kollha wkoll sistema bankarja effiċjenti biżżejjed biex taqdi l-ħtiġijiet tal-industrija tal-pajjiż.**

**IL-BANK ĊENTRALI**

**Mill-1971 'l hawn il-Bank Ċentrali ta' Malta ħa ħsieb biex il-Lira Maltija tissaħħaħ bil-għan li tirrifletti l-qagħda tajba tal-ekonomija. Id-dipendenza sħiħa fuq l-Isterlina tneħħiet u l-Lira Maltija llum hija msejsa fuq għadd ta' muniti b'saħħithom.**

**Il-ħidma pożittiva tal-Bank Ċentrali tidher ukoll fiż-żieda qawwija li Malta kellha fir-riżervi barranin tagħha. Fil-fatt, sa l-aħħar ta' Diċembru, 1978 ir-riżervi barranin ta' Malta kienu jlaħħqu għal £M322 miljun.**

**MID-MED BANK**

**Dan l-akbar bank kummerċjali llum huwa kollu kemm hu tal-Maltin, biex hekk isaħħaħ il-qagħda bankarja f'pajjiżna.**

**BANK OF VALLETTA**

**Il-Poplu Malti, permezz tal-Gvern tiegħu, ukoll għandu l-akbar għadd ta' ishma f'dan il-bank li sena wara sena qed jagħti kontribut siewi lill-ekonomija Maltija wara d-diżastru li ġie evitat bil-ħidma f'waqtha fil-każ tan-National Bank of Malta.**

**LOMBARD BANK**

**Il-poplu Malti għandu wkoll sehem f'dan il-bank kummerċjali li joffri s-servizzi bankarji kollha meħtieġa.**

# Tiswija u bini ta' Vapuri

It-Tarzna ta' Malta, li għal bosta snin kienet tarzna navali għat-tiswija u manutenzjoni ta' bastimenti tal-gwerra, issa nbidlet f'tarzna kummerċjali. Fost il-baċiri li hemm fit-Tarzna l-akbar wieħed jieħu vapuri ta' mija u għaxart elef tunnellati.

**RED CHINA DOCK**

**Iżda, fil-futur qarib, it-Tarzna se jkollha baċir enormi, ir-Red China Dock, għal vapuri sa tlett mitt elf tunnellata.**

It-Tarzna tagħmel xogħol ta' inġinerija mekkanika u elettrika. Barra minn hekk, it-Tarzna hija wkoll impenjata b'xogħol ta' manutenzjoni fuq 'yachts', u għal dan il-għan għandha 'Yacht Yard' f'Manoel Island.

**Issa, minn ftit taż-żmien 'l hawn, it-Tarzna daħlet ukoll għal xogħol ta' bini tal-vapuri. Diġà bniet żewġ vapuri ta' għaxart elef tunnellata għaċ-Ċina. It-Tarzna bniet ukoll 'floating dock', għal Libja kif ukoll għadd ta' 'cranes'.**

31 ta' MARZU 1979
MALTA GDIDA
ĠENERAZZJONI GDIDA



*Ir-Red China Dock*

**IL-MARSA DOCK**

Biex tkompli tiżviluppa l-industrija tal-bini tal-vapuri dalwaqt jitlesta l-'Marsa Dock', li huwa ppjanat għal bini ta' vapuri sa mija u għoxrin elf tunnellata, u se jkun tal-'Malta Shipbuilding Co. Ltd.'

**Dan il-progress fil-qasam tat-tarznar u bini ta' vapuri meta tarzniet oħra għaddejjin minn żmien diffiċli, hu kollu dovut għal klima ta' paċi industrijali, kif ukoll għat-twettiq tax-xogħol fil-ħin, jew qabel id-data miftiehma. Barra minn hekk, il-ħaddiema tat-tarzna, li għandhom esperjenza kbira f'dan il-qasam, issa għandhom ukoll sehem dirett kemm fl-amministrazzjoni, u fuq ix-xogħol, u naturalment ukoll fil-qliegħ li għall-ewwel darba qed isir minn din l-intrapriża tal-ħaddiema.**



*Il-Marsa Dock*



*Id-Dockyard — l-akbar industrija ta' Malta.*

## Il-Port ta' Marsaxlokk

**Minħabba l-pożizzjoni strateġika ta' Malta, kif ukoll ir-relazzjonijiet kummerċjali tajba ma' pajjiżi Għarab u Ewropej, hemm prospetti sbieħ li Malta tibda tintuża bħala ċentru tat-trasbord. Minħabba li l-Port il-Kbir ma fihx faċilitajiet biex ilaħħaq ma' volum kbir ta' xogħol, il-Gvern Soċjalista ħaseb biex jibni port akbar, attrezzat bl-aktar tagħmir modern u sofistikat, fil-bajja ta' Marsaxlokk. Grupp ta' inġiniera Ċiniżi qed jagħmlu studju tekniku, filwaqt li s-Saudi Arabia u l-Abu Dhabi pprovdew self b'imgħax baxx għal dan il-proġett.**

# Għal użu tal-Paċi

*"... rridu wkoll inkomplu nagħmlu sforzi kbar ħalli l-postijiet, il-ħafna postijiet li qed jiġu f'idejna mill-Forzi Armati Inglizi indawwruhom l-ewwel biex nagħtu djar aktar lill-Maltin, imbagħad biex nagħmlu postijiet għar-rikrejazzjoni għat-turisti u wkoll biex inkabbru l-kummerċ u l-exports tagħna. Dan ix-xogħol diġa' bdejna nagħmluh u kull min irid jista' jara xi frott tal-ħidma tal-Maltin meta veru jintefgħu għal xogħol ta' din il-kwalità."*

**Silta mix-Xandira tal-Prim Ministru Dom Mintoff, nhar is-Sibt 31 ta' Diċembru, 1977.**



## *INDUSTRIJA*

*Dawk li kienu 'huts' tal-gwerra f'Ta' Qali, issa jiffurmaw ċentru ewlieni ta' l-artiġjanat Malti – popolari fost il-Maltin u iżjed mat-turisti.*



## *DJAR GĦALL-MALTIN*

*Verdala Barracks, f'Bormla, issa jservi ta' djar għal familji Maltin.*



*ĊENTRU SPORTIV*

*Hangar ta' l-ajruplani f'Ta' Qali inbidel u qed iservi bħala Ċentru Sportiv. Ground tal-Football mill-aqwa qed jinbena fil-viċin tiegħu.*



*TURIŻMU*

*Barracks tas-suldati f'Għajn Tuffieħa ġie mibdul f'post ta' rikreazzjoni tat-turisti li jżuruna bl-eluf kull sena.*



*BELTISSEBĦ*

*Lintorn Barracks, fil-Furjana, inbidlet f'belt amministrattiva – Beltissebħ.*

31 ta' MARZU 1979

MALTA ĠDIDA
ĠENERAZZJONI ĠDIDA



*Il-Forti Sant'Anġlu – simbolu ta' Malta Fortizza li fuqu perpret għall-aħħar darba l-bandiera Ingliża.*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern